**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Jannar, 2001**

**Numru 10**

**Avviz. numru 1852/00JR**

**Herman Camilleri**

**vs**

**Dino Fino**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' sebgha u erbghin lira Maltija (Lm47.00) rapprezentanti kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) prezz ta' video "In Dreams" mikri lill-konvenut fis-7 ta' Settembru, 2000, u li minkejja li mitlub jirritornah huwa naqas li jaghmel dan, u r-rimanenti tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22.00) hlas ta' kera ta' l-istess video bil-kera ta' erbghin**

**centezmu kull xahar ghall-perijodu ta' bejn is-7 ta' Settembru, 2000, u t-3 ta' Novembru, 2000. Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mill-attur fis-7 ta' Dicembru, 2000, li biha rriduca t-talba ghall-tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22.00) stante li l-video li ghalih kien qed jintalab il-hlas gie ritornat lill-attur fil-mori tal-kawza.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Cutajar ghall-attur li kkonferma li l-bilanc ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm22.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**